MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 246/2004

**Emanuel Debono u**
**b'digriet tal-21 ta' Marzu 2011**
**l-atti tal-kawza gew assunti minn Emanuela Borg xebba Debono,**
**Oscar Debono, Joseph DeBono u Rita Calleja xebba Debono, u**
**t-tfal tal-mejjet tifel ta' Emanuel Debono, u**
**cjoe Godwin Debono li huma Natasha Meli, xebba DeBono,**
**Clivia Sant xebba Debono, u Clinton Debono u**
**dan wara l-mewt tal-attur Emanuel Debono fil-mori tal-kawza,**
**Flavia mart Anthony Mifsud, Carmen mart Paul Barbara u**
**Patrick Debono f'ismu proprio u bhala prokuratur**
**ta' Joe Debono li jinsab imsiefer u Joseph, Frank u**
**Mario ahwa Calleja, ulied il-mejjet Anthony, u**
**b'digriet tat-13 ta' Lulju 2012**
**Dr. Martin Fenech u P.L. Joanna Dingli**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw**

**lil attur Joe Debono li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Vincent Cutajar u**
**b'digriet tal-1 ta' Frar 2012**
**Dr. Henry Antoncich u P.L. Joeline Pace Ciscaldi gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-konvenut Vincent Cutajar li miet fil-mori tal-kawza u**
**Josephine mart Alfred Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tat-12 ta' April 2004 li tghid hekk:

Peress illi Elena Calleja li tigi z-zija tal-atturi mietet fl-4 ta' Marzu 2002 u halliet bhala eredi lit-tfal ta' hutha Anthony, Giuseppe u Stella Debono illum kollha mejtin skond testment fl-atti tan-Nutar Alex Sciberras Trigona datat 3 ta' Frar 1988 (dokument A).

Peress illi l-atturi huma wlied l-istess Stella Debono u Anthony Calleja waqt li l-konvenut Vincent Cutajar jigi r-ragel ta' Dolores nee Debono bint Stella u Josephine mart Alfred Grech tigi it-tifla ta' Vincent Cutajar.

Peress illi l-istess Vincent Cutajar kien gie nominat minn Elena Calleja bhala prokuratur u amministratur ta' hwejjigha waqt li Josephine Grech kienet tghin u tiehu hsieb id-decujus fl-ahhar sentejn ta' hajjitha u kellha access ghal hafna flus li kienu jinzammu d-dar.

Peress illi fost l-assi tad-decujus kien hemm flus depositati f'banek barra minn Malta kif wkoll flus fil-Banek lokali, oltre li kellha kwantita ta' flus id-dar li b'kollox kienu jammontaw ghal eluf kbar kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi minn dawn il-flus qassam biss fost l-eredi hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) filwaqt li ma tax rendikontjew x'sar mill-bqija tal-flus.

Peress illi l-konvenuta Grech tallega li d-decujus tatha flus minghajr ma trid tghid kemm u ghaliex.

Peress li l-konvenut ghalkemm mitluba jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni ta’ hwejjeg id-decujus u jghidu x'sar mill-flus taghha u jqassmuhom bejn l-eredi kollha skond it-testment, naqsu li jaghmlu dan.

Jghidu l-konvenuti ghar-ragunijiet permessi ghaliex:

(1) M'ghandhomx jaghtu rendikont tal-flus kollha li kellha d-decujus li amministraw jew kellhom f'idejhom u x'sar minnhom;

(2) M'ghandux jigi likwidat l-ammont ta' flus tal-istess Elena Calleja li ghadu ma giex maqsum u li ghalihom il-konvenut Cutajar bhala prokuratur u amministratur ta' Elena Calleja kien responsabbli;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta' Josephine Grech li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju ma hux integru, peress li l-azzjoni esperita ma gietx promossa mill-eredi kollha jew indirizzata kontra l-eredi l-ohra ghal kull interess li jista' jkollhom u kwindi l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti ma kinitx tamministra jew kellha xi flus f’idejha tal-mejta Elena Calleja u allura ma tistax twiegeb ghal dak li qieghed jintalab fic-citazzjoni biex ghalhekk sa fejn il-premessi fic-citazzjoni jirrigwardawha f’din il- kwalita ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti tichad b'mod kategoriku li qatt hadet xi flus lil Elena Calleja u jekk irceviet xi flus, dawn gew lilha hekk mghoddija bil-kompjacenza u l-volonta' assoluta tal-imsemmija Elena Calleja u liema ammonti certament kienu jirriflettu dak li l-eccipjenti kienet qieghdha taghmel maghha f'hajjitha.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Vincent Cutajar li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju ma hux integru, peress li l-azzjoni esperita ma gietx promossa mill-eredi kollha jew indirizzata kontra l-eredi l-ohra ghal kull interess li jista' jkollhom u kwindi l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok Patrick Debono jrid jipprova li huwa tassew prokuratur tal-imsemmi Joe Debono, fin-nuqqas Patrick Debono nomine m'ghandu ebda standi judicio fil-kawza,

3. Illi fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit l-eccipjent qatt ma amministra l-hwejjeg jew l-assi tal-mejta Elena Calleja u jrid jippuntwalizza li a) qatt ma gibed flus jew zbanka flus minn kontijiet tal-imsemmija Elena Calleja la lokali u lanqas esteri kif pretiz fl-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu, 2003 u anke fic-citazzjoni u b) qatt ma qassam is-somma ta' hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) fost l-eredi ta' Elena Calleja kif allegat mill-atturi. Kull ma ghamel kien li jsarraf cheques endorsed lilu mill-imsemmija Elena Calleja, bhal ma kien jaghmel bil-flejjes tal-pensjoni li limitatament ghalhekk biss kellu is-solitu formola dipartimentali biex jircevihom, isarrafuom u jghaddihom lilha. Illi hu ma ghandu ebda flus jew assi li jappartjenu lill-eredita tal-imsemmija Elena Calleja. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

4. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox privi minn kull fondament fattwali u guridiku.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Henry Antoncich u P.L. Joeline Pace Ciscaldi nominati sabiex jirrapprezentaw l-wirt battal tal-konvenut Vincent Cutajar li miet fll-mori tal-kawza li tghid hekk:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw ir-Risposta ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-patrocinati taghhom.

Rat li l-kuraturi deputati Dr.Martin Fenech u P.L. Joanna Dingli nominati sabiex jirrapprezentaw lil attur Joe Debono li miet fil-mori tal-kawza debitament notifikati ma ipprezentaw ebda risposta;

Rat id-digriet tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) (Dok. CZ) a fol.202 li permezz tieghu Mary mart Joseph Zammit, Pauline sive Polly Cutajar, Josephine mart Alfred Grech, ilkoll ulied il-mejjet Vincent Cutajar u Dolores sive Doris Cutajar; u Dolores sive Doris Cutajar, mart il-mejjet Vincent Cutajar, irrinunzjaw minghajr ebda riserva ghall-eredita ta' Vincent Cutajar li miet ab intestato fil-21 ta' Ottubru 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawza u nota ta' sottomissjonijet tal-atturi;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Joseph Calleja xehed dwar l-okkazzjoni meta Elena Calleja tat xi flus lil ibnu waqt li kienu id-dar taghha. Huwa

ra fil-gwardarobba taghha mas-sitt envelopes mimlija flus tal-Lm10 u tal-Lm 5.

Frank Calleja semma diskors li Josephine Grech qalet lil Patrick Debono ghand in-Nutar fis-sens li ‘l-aqwa li jiena hadt aktar minnkom u jekk ghandek l-ghali, ziedu’. Semma li Vincent Cutajar kien qal li ma jaf xejn dwar sehem Calleja mill-bejgh tal-ghalqa, u li kien haddiehor li ha l-flus l-bank avolja hu kien prokuratur taghha. Qal li l-flus tal-ghalqa ma nqasmux bejnithom. Semma ukoll okkazzjoni meta Elena Calleja kienet se taghti flus lil ibnu u fil-kwardaroba kien ra mill-inqas hames envelopes mimlija flus tal-ghaxar liri. Ma jafx jekk dawn tahtomx lil xi hadd.Semma ukoll l-okkazzjoni meta kienu d-dar ta’ Elena Calleja biex jaraw kif ser jinqasam id-deheb u Josephine Grech qalet lil Patrick Debono ‘fittex kemm trid ghax m’inti ser issib xejn’ b’referenza ghall-flus.

In kontroezami wiegeb li ghand in-Nutar kienu qasmu xi Lm35,000 bejnithom. Mill-ghalqa Elena Calleja kienet hadet xi Lm20,000 u dawn gew depozitati l-bank. Dwar il-kaxxa tad-deheb qal li dina ma kinitx instabet izda imbaghad sabuha ghand it-tifla tal-attrici, Flavia. Id-deheb imbaghad inqasam.

Paul Barbara xehed dwar dak li qallu Vince Cutajar fuq id-diskors li kien qed ighid Patrick Debono li Cutajar kien baghbas fil-flus li halliet Elena Calleja. Ghalkemm Cutajar kien qallu li kellu l-karti kollha, meta mar ghand Dr. Fenech, Cutajar ma kellu xejn x’juri u ma kien jiftakar xejn. In kontroezami wiegeb li l-istat ta’ sahha ta’ Elena Calleja kien hazin u jaf li Josephine Grech kienet iddur biha u tehodha l-isptar.

Patrick Debono xehed li hu ma qabilx li z-zija kienet halliet biss il-Lm35,000 li kienu nqasmu bejn l-eredi. Ighid li Vince Cutajar kien qallu li z-zija kellha xi Lm40,000, apparti Lm18,000 sehemha mill-bejgh ta’ ghalqa u Lm12,000 li ngabu minn bank barra minn Malta. It-tifla ta’Vince Cutajar, il-konvenuta Grech, kienet tiehu hsieb iz-zija u fl-ahhar zmien qabel ma mietet hi biss kellha c-cavetta tad-dar taghha. Sitt xhur wara li mietet iz-zija

Grech tathom ic-cavetta u meta mar id-dar ra hafna affarijiet neqsin u mill-envelopes bil-flus li kellha iz-zija fil-kexxun ma sab xejn. Barra dan, id-dokumenti u l-kotba tal-bank li kien izomm Cutajar ghosfru. Meta ltaqhu ghand in-Nutar il-konvenuta kienet prezenti, qam argument, u din qalet li hadet flus izjed minnhom. Il-konvenut Cutajar qatt ma tahom rendikont ta’ x’sar minn dawk il-flus kollha li semma.  Dwar il-flus tal-Ingilterra qal li Cutajar qallu li dawn kienu Maltin (ara fol. 192) u gabhom mill-Ingilterra. Hu kien accetta sehemhu mill-Lm35,000 mill-wirt bhal l-eredi l-ohra izda ma qabilx li kien hemm dawk biss. Huma kienu marru l-Bank u hadu sehemhom. Hu ma nizzel xejn bil-miktub li l-flus kien hadhom taht protest jew li ma kienx qed jaccettahom bhala wirt. Dwar sehem iz-zija mill-ghalqa xehed li dan kien jammonta ghal Lm18,000 u dawn gew depozitati l-bank. Hu ma jaqbilx ma dak li qal Dr.Mark Fenech li kien hemm tnaqqis minn dina s-somma.

Audrey Ghigo, supervisor, legal office, HSBC xehdet dwar it-Lm35,564.37 li nqasmu bejn l-eredi.

Raymond Catania xehed u kkonferma l-kontenut tal-ittra a fol. 18.

Richard Casha kkonferma l-kontenut tal-ittra li kiteb u li tinsab a fol. 17.

Nutar M. Spiteri Debono pprezentat estratt mit-testment to Vincent Cutajar u martu Dolores. Dok. MSD1 a fol. 251.

Il-konvenut Vincent Cutajar xehed in subizzjoni li hu ma kienx amministratur ta’ Elena Calleja imma kellu biss prokura taghha biex isarfilha ic-cekk tal-pensjoni. Lanqas ma kien prokuratur taghha. Hu kien isarraf ic-cheque u kien jibghat il-flus ma’ bintu. B’referenza ghall-ittra fol. 17 qal li ma jiftakarx li ghamel xi depoziti ghal Elena Calleja f’HSBC imma anke kieku ma ghamel xejn hazin. Hu ma jafx x’kienu jirrappresentaw iz-zewg cheques tal-Bank of Valletta imsemmija fl-ittra. Ighid li kienu ghall-bejgh tal-post. Qal ukoll li kien anke ddepozita xi flus/interessi li Calleja rceviet meta kienet mejta. Qal li huwa qatt ma gab

flus ta' Elena Calleja mill-Ingilterra u lanqas jaf kemm kien hemm flus. Ikkonferma li sehem Calleja mill-bejgh tal-ghalqa kien ta' Lm13,650 li gew depozitati fil-Mid Med Bank, thallsu Lm500 bhala multa, u Lm750 Calleja qasmithom lil diversi neputijiet bhala rigal. Hu cahad li gibed imghaxijiet bejn in 1995 u 2001 fl-ammont ta' Lm10,514.91. Ighid li Calleja qatt ma qaltlu li sabet flus nieqsa.

Il-konvenuta Josephine Grech xehdet li hija bint Vincent Cutajar. Kienet tiehu hsieb Elena Calleja ghal dak kollu li kellha bzonn. Calleja kienet iz-zija t'ommha u kienet anzjana. Hi ma wirtet xejn minghand Calleja, izda dina kienet taghtiha xi flus kultant talli ddur biha. Calleja kienet taghti flus lit-tfal ta' huha u anke rigali. Dwar id-diskors li ntqal quddiem in-Nutar qalet: "X'ridt niehu?" Li kellha Calleja kien marbut il-bank.  Kien Patrick Debono li qala' kollox.  Dwar il-flus li qalu li Calleja kellha l-Ingilterra Grech qalet li missierha kien qalilha li flus l-Ingilterra ma kellhiex u jekk kellha Calleja kienet gabithom hi. Ix-xhud qatt ma hadet flus mid-dar ta' Calleja minghajr ma din taghtomlha. Hi ma kinitx tamministra l-flus ta' Calleja u lanqas kellha prokura taghha.  In kontrezami wiegbet li c-cavetta mhux biss hi kellha. Ma tafx x'sar minnhom il-flus li kellha Calleja fl-envelopes u lanqas kemm kellha flus. Wara l-mewt ta' Calleja hija dahlet id-dar forsi darba, izda kien hemm min seta dahal ghax kellu cavetta ukoll.

Vanessa Grech, it-tifla tal-konvenuta Josephine Grech xehdet li ommha kienet tghin lil Calleja f'kollox u kienet tmur ghandha kuljum. Iz-zija gieli taghta xi Lm2. Lil omma gieli tatha xi Lm50 u gieli Lm10 talli kienet taghmel maghha.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi f'dina l-kawza l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti, li kienu qed jamminstraw jew kellhom f'idejhom il-flus kollha li kellha Elena Calleja, jaghtu rendikont u  jghidu x'sar minnhom dawk il-flus, u fit-tieni lok li jigi likwidat l-ammont li ghadu ma giex maqsum bejn l-eredi.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom, Josephine Grech u Vincent Cutajar qed jeccepixxu li l-gudizzju ma hux integru, peress illi l-azzjoni esperita ma gietx promossa mill-eredi kollha jew indirizzata kontra l-eredi l-ohra ghal kull interess li jista' jkollhom u kwindi l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi huwa risaput li l-azzjoni ta’ rendikont tista’ tigi istitwita minghajr ma jkunu fil-kawza l-interessati kollha (**Stockley vs Cini**, PA 27/04/1965). Ma hemm xejn fil-ligi li l-atturi huma prekluzi milli jistiwixxu azzjoni simili, minghajr ma jkunu fil-kawza l-interessati kollha (Vol XXX.ii.222) u ghalhekk ghandu jigi ezaminat u deciz il-punt in kontestazzjoni u kontra min saret il-kawza. Fil-kaz in ezami l-atturi mexxew kontra Vincent Cutajar li skont huma kien gie nominat minn Elena Calleja bhala prokuratur u amministratur ta' hwejjegha, u kontra Josephine Grech li skonthom kienet tghin u tiehu hsieb id-decujus fl-ahhar sentejn ta' hajjietha u kellha access ghal hafna flus li kienu jinzammu fid-dar taghha. L-atturi ghandhom dritt li jitolbu rendikont ghaliex jekk l-allegazzjoni taghhom hija minnha, l-amminsitrazzjoni mizmuma mill-konvenuti hija ekwiparata ghall-mandat u l-mandatarju ghandu jaghti kont ta’ dak kollu li jkun ghamel u ta’ dak kollu li jkun irceva bis-sahha tal-mandat. (Vol XXIX.ii.666; u **Debono vs Debono**, PA 29/07/2013; u **Tanti vs Micallef Grimaud**, App Civ 31/05/2013).

Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

Vincent Cutajar eccepixxa wkoll li Patrick Debono ghandu jipprova li hu prokuratur tal-imsemmi Joe Debono. Ghalkemm dwar dina l-eccezzjoni ma ngabu ebda provi, izda fil-mori tal-kawza miet Joe Debono u dan gie rapprezentat minn kuraturi deputati.

Fil-mertu, l-konvenuta Josephine Grech qed teccepixxi (i) li hija ma kinitx tamministra l-flus ta’ Elena Calleja u (ii) hi qatt ma hadet xi flus ta’ Elena Calleja, u jekk irceviet xi flus minghandha, dawn gew mghoddija lilha bil-kompjacenza u l-volonta’ ta’ Calleja, liema ammonti kienu

jirriflettu dak li l-eccipjenti kienet taghmel maghha f'hajjitha.

Il-konvenut Vincent Cutajar eccepixxa fil-mertu li huwa qatt ma amministra l-hwejjeg jew l-assi tal-mejta Elena Calleja, senjatament (a) qatt ma gibed flus minn kontijiet ta' Elena Calleja la lokali u lanqas esteri u (b) qatt ma qassam is-somma ta' Lm35,000 fost l-eredi ta' Elena Calleja. Hu kien li jsarraf cheques tal-pensjoni endorsed lilu minn Calleja, isarrafuom u jghaddihom lilha. Hu ma ghandu ebda flus jew assi li jappartjenu lill-eredita' ta' Elena Calleja.

Fil-premessi taghhom l-atturi qed ighidu li Elena Calleja kellha ammont ta' flus kontenut f'envelopes f'kexxun fil-kwardaroba tad-dar taghha; kienet dahlet Lm18,000 sehemha minn bejgh ta' ghalqa; kienet gabet Lm12,000 minn kont l-Ingilterra; u kellha bhala assi Lm40,000.

Illi l-provi li ressqu l-atturi fir-rigward kienu is-segwenti.

Principalment dak li qed isostnu l-atturi, johrog mix-xhieda ta' Patrick Debono li skont il-konvenuti kien hu li qala kollox wara li qasmu. Hu ma jaqbilx ma' Vincent Cutajar li Elena Calleja halliet biss it- Lm35,000 li l-eredi qasmu bejnithom. Il-provi tal-atturi dwar il-flus imsemmija minnhom, li allegatament halliet Elena Calleja, huma:

1. Patrick Debono jghid li meta Vince Cutajar inhatar prokuratur ta' Elena Calleja, dan kien qallu li z-zija kellha xi Lm40,000.

2. Sitt xhur wara li mietet Elena Calleja, il-konvenuta Josephine Grech tathom ic-cavetta tad-dar u meta mar id-dar ta' Calleja ra hafna affarijiet neqsin u minn l-envelopes bil-flus li kellha iz-zija fil-kexxun fil-gwardarobba ma sab xejn. Frank Calleja u Joseph Calleja isemmu li kienu raw dawn l-envelopes meta Calleja kienet taghti xi flus lit-tfal taghhom. Huma ma semmewx kemm kien hemm flus f'dawn l-envelopes hlief li raw karti tal-ghaxra u tal-hames liri. L-atturi jsostnu li Elena Calleja kellha hafna flus ghax kienet qammiela, u kienet thobb trekken. Inoltre isemmu li

meta kienu ghand in-Nutar u nqala argument u Josephine Grech kienet qalet li hadet flus izjed minnhom.

3. Patrick Debono jghid li Vincent Cutajar kien qallu li kien gab Lm12,000 ta' Calleja minn kont l-Ingilterra.

4. Debono qal li sehem Elena Calleja mill-ghalqa kien ta' Lm18,000 li gew depozitati l-bank. Hu ighid li ma sar ebda tnaqqis minn dina s-somma avvolja Dr.Fenech (l-Avukat tieghu) qal il-kuntrarju.

Illi dawn kienu l-provi li ressqu l-atturi biex isostnu t-talba taghhom.

**Oneru tal-prova**

Illi dina l-Qorti tirrileva li:
F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li dak li gara jkun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex il-tort ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu. (Ara **Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri**, PA 31/3/72).

Ghalhekk huwa principju bazilari ta' dritt illi, f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta (**H.J. Link et vs Raymond Mercieca**, App Inf 21/01/2001).

Ghar-rigward tal-grad tal-prova, "Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet" (**Eucharistiko Zammit vs E. Petrococchino**, App 25/02/1952).

Illi l-Qorti tosserva li f'dan il-kaz l-atturi bbazzaw hafna mill-provi taghhom fuq provi indizjarji aktar milli fuq provi diretti. Illi biex provi indizzjarji ikollhom valur probatorju iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti u tali li jnislu f'mohh il-gudikant dak il-konvinciment morali rikjest f'kawzi civili fuq bazi ta' probabilita.

L-atturi, permezz ta' Patrick Debono, qed jikkontendu li meta Vince Cutajar inhatar prokuratur ta' Elena Calleja, dan kien qallu li z-zija kellha xi Lm40,000. Vincent Cutajar jichad dana. Kull ma hemm bhala prova da parti ta' l-atturi huwa l-allegat diskors ta' Vincent Cutajar li pero' gie michud minnu. Ma ngab ebda dokument jew ktieb tal-bank li juri li xi zmien, x'imkien kien hemm dina s-somma, jew li dina s-somma giet neqsa jew ingibdet minn xi bank. Ma ngabet ebda prova ta' xi diskors li sar minn xi hadd iehor dwarhom jew li xi darba Elena Calleja semmiet li kellha dak l-ammont. Is-somma li eventwalment inqasmet bejn l-eredi kienet fl-ammont ta' circa Lm35,000.

L-atturi jsostnu li Elena Calleja kienet halliet somma flus id-dar li kienet tkun f'envelopes li huma raw diversi drabi izda li meta marru d-dar ta' Calleja wara li mietet biex jaqsmu sabu hafna affarijiet neqsin fosthom l-envelopes bil-flus. Huma jsostnu li Elena Calleja kellha hafna flus ghax kienet qammiela, u kienet thobb trekken. Ighidu li l-konvenuta Josephine Grech biss kella c-cavetta tad-dar ta' Calleja ghalhekk jaghtu ad intendere (insinwazzjoni biss u mhux provi) li Grech kienet messet dawk il-flus. Inoltre huma jaghmlu referenza ghal diskors li allegatament qalet Grech fis-sens li hija kienet hadet flus izjed minnhom u dana skonthom jikkonfermaw dak li qed ighidu.

Jibda biex jinghad li ghalkemm l-atturi jsemmu li raw envelopes bil-flus, huma ma jsemmux kemm kien hemm flus f'dawn l-envelopes. Dwar dawn l-envelopes din ix-xhieda hija semplicement assunzjoni tal-atturi u ma ngabet ebda prova konkreta. Setgha kien hemm Lm100 u seta kien hemm Lm100,000. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tillikwida xi ammont ghax ma saritx il-prova dwar il-vera

konsistenza ta’ dawn il-flus. Jirrizulta anke mill-provi li Elena Calleja kienet tuza dawn il-flus ghal bzonnijiet taghha u anke biex thallas lil min kien ighinha u biex taghti rigali lil tal-familja u lil barranin, ezempju knisja, festi.

Dwar ic-cavetta tad-dar ta’ Calleja, Grech xehdet li m’hijex hi biss li kellha c-cavetta tad-dar ta’ Calleja izda anke hut Calleja u t-tfal taghhom. Hi semmiet lil Antonio u meta miet it-tfal tieghu, u lill-attrici Flavia. Hi xehdet li ma tafx sar minnhom il-flus li kellha Calleja u tghid li bhal ma kellha cavetta hija, kellhom l-ohrajn ukoll. Issemmi li l-atturi kienu wahhlu fiha li kienet hadet il-kaxxa tad-deheb u imbaghad instabet ghand l-attrici Flavia, u issa jridu jwahhlu fiha li hadet il-flus. Fil-fehma tal-Qorti m’hemmx provi sufficjenti li jwasslu ghal konkluzzjoni li l-konvenuta hadet dawk il-flus ta’ Calleja wara mewta. Il-konvenuta taccetta li Calljea kienet taghtiha flus izda dana kienet taghmlu biex tikkumpensaha talli kienet tghinha u dan sar bil ben placitu taghha. Kwantu ghad-diskors li allegatament qalet ghand in-Nutar, il-konvenuta tghid: X’ridt niehu?” Li kellha Calleja kien marbut il-bank u hi lanqas kienet eredi ta’ Calleja.

Patrick Debono jghid li Vincent Cutajar kien qallu li kien gab Lm12,000 ta’ Calleja minn kont l-Ingilterra. Cutajar jichad dan u l-konvenuta Grech tghid li missierha kien qalilha li flus l-Ingilterra Calleja ma kellhiex u jekk kellha kienet gabithom hi. L-atturi donnhom qed isostnu li dawn it-Lm12,000 huma rapprezentati miz-zewg cheques tal-BOV li suppost gew depozitati minn Cutajar skont l-ittra a fol. 17. Cutajar xehed li ma hemmx indikazzjoni minn min hargu dawn iz-zewg cheques u ghalhekk ma jistax ighid x’jirrapprezentaw. Skont id-dokument a fol. 19, l-ittra li baghat Dr.Mark Fenech lil Paul Barbara, jirrizulta li anke Dr.Fenech ma kienx cert x’jirrappresentaw dawn il-flus. Hu jghid hekk: ara para 1(a) “liema flus jistghu possibilment ikunu dawk li Cutajar ighid li kienu ngiebu mill-Ingilterra. Patrick Debonio jiftakar li Cutajar ighidlu li Elena Calleja kellha Lm12,000 depozitati barra u din is-somma tista’ forsi tkun din”. Il-Qorti tirrileva inoltre li z-zewg cheques jammontaw ghal Lm11,426.66 u inoltre l-

partijiet lanqas jaqblu li t-12,000 kienu Maltin u mhux sterlini.

Fl-ahharnett Patrick Debono ighid li sehem Elena Calleja mill-ghalqa kien ta’ Lm18,000 li gew depozitati l-bank. Hu ighid li ma sar ebda tnaqqis minn dina s-somma avvolja Dr. Fenech (l-Avukat tieghu) qal il-kuntrarju. Il-konvenut Vincent Cutajar invece xehed li sehem Calleja mill-bejgh tal-ghalqa kien ta’ Lm13,650 li gew depozitati fil-Mid Med Bank, thallsu Lm500 bhala multa, u Lm750 Calleja qasmithom lil diversi neputijiet bhala rigal. Cutajar cahad li gibed imghaxijiet bejn in 1995 u 2001 fl-ammont ta’ Lm10,514.91. Dan l-imghax kien jigi msarraf minn Vincent Cutajar ghan-nom ta’ Calleja u l-flus u hwejjiegha kienet tamministrathom Calleja u mhux Cutajar.

Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx prova li Cutajar mess xi haga minn dawn il-flus. L-ammonti li gew depozitati il-bank kienu marbutin u ma hemmx prova li nhargu xi flus minnhom mill-konvenut. Jirrizulta li l-prokura li kellu l-konvenut kienet limitata biex isarraf ic-cheques tal-pensjoni ta’ Calleja u mhux biex jirtira l-flus taghha. Fl-ebda hin ma jirrizulta li Calleja qatt qalet lil Cutajar  li kienet sabet flus nieqsa u hi qatt ma nehhietlu l-prokura. Sakemm kienet hajja Calleja, hi kienet tinduna kieku l-konvenut hadilha xi flus jew gab xi flus minn barra. Anzi mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta li meta l-atturi kienu jghidu lil Calleja biex tqasmilhom xi flus, dina kienet tghidhom biex ma jindahluliex ghax dawk kienu flusha. Calleja kienet persuna li baqghet lucida sal-ahhar u li kienet konxja sew tal-assi li kellha. Interessanti l-osservazzjoni li ghamel il-konvenut Cutajar meta qal, bi twegibha ghal allegazzjoni li hu kien jisraq il-flus ta’ Calleja, li kieku kien halliel ma kienx jiddepositalha l-interessi fil-kont ta’ Calleja u dan wara li mietet.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-atturi ma rnexxilhom jipprovaw dak li gie premess minnhom fic-citazzjoni konsegwentement it-talbiet taghhom ma jistghux jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-atturi. Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------